# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

### IMHALLEF

### ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 25 ta' Frar 2000

**Numru 45**

**Citaz. numru 516/95 DS**

Jason Muscat
vs
Christopher Scicluna

Illum, 25 ta' Frar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-24 ta' April 1995 fejn l-attur wara li ppremetta illi fil-21 ta' Settembru 1994 ghal xi l-11.15 a.m. waqt li l-attur kien qed isuq vettura Nru. 0-6879 go Mdina Road, Attard, din sfat involuta f'incident awtomobbilistiku mal-car Nru. A-8979 misjuqa mill-konvenut (Dok. JM1);

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident, oltre l-hsara fil-vettura tieghu, l-attur garrab griehi ta' natura gravi fil-persuna tieghu tant li qed ibati min debilita' ta' natura permanenti kif jirrizulta mill-anness certifikat mediku datat 23 ta' Frar 1995 rilaxxjat mill-kirurgu ortopediku Charles J. Grixti li qed jigi mmarkat bhala Dok. JM2;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Talab lill-din il-Qorti:

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobbilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur.

2. tillikwida d-danni tal-attur, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u

3. tikkundannah ihallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Ottubru 1994 u dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tal-lum ghan-notifika tal-assikuraturi tal-konvenut bl-odjerni proceduri, bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante li, filwaqt li huwa vera li saret il-kollizjoni bejn il-vetturi misjuqa mill-partijiet, fil-fatt il-kawza prossima ghall-istess kollizjoni mhux is-sewqan tal-konvenut u ghalhekk il-konvenut qieghed jipprevalixxi ruhu mill-istess azzjoni attrici sabiex jiccita lill-attur, in via rikonvenzjonali kif qieghed isir permezz tal-presenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn, wara li ppremetta illi:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes, stante li filwaqt li huwa vera li saret il-kollizjoni bejn il-vetturi misjuqa mill-partijiet fil-fatt il-kawza prossima ghall-istess kollizjoni mhux is-sewqan tal-konvenut izda tal-attur li kkawza danni lill-konvenut u dan kif sejjer jigi spjegat aktar dettaljatament fid-dikjarazzjoni tal-kontratalba;

1. Peress illi waqt li l-esponenti kien qieghed isuq il-vettura tieghu fil-21 ta' Settembru 1994 xi l-11.15 a.m. minn Mdina Road ghal Attard, fid-direzzjoni tar-Rabat, jsegwi il-vettura tal-attur, pero fuq il-lane ta' barra, mentri l-attur kien qieghed isuq fuq il-lane ta' gewwa, dan ta' l-ahhar, bla ebda sinjali ta' xejn, qabad u gibed lejn il-lane ta' barra u b'hekk mhux biss imblokka il-karregjata tal-konvenut izda habat mal-vettura tieghu u precizament fuq il-mudguard u il-bieb tax-xellug ta' quddiem, u inoltre kaxkar il-vettura tal-konvenut fuq il-lane opposta mnejn fortunatament ma kienx niezel traffiku u il-vettura tal-konvenut spiccat ipparkjata fuq il-faccata l-ohra.

2. Peress illi s-sewqan tal-attur huwa ghalhekk kontra kull sens u dettami tar-raguni u jmur kontra ir-regolamenti tat-traffiku u b'rizultat tat-traskuragni, imperizja, negligenza u nonosservanza tar-regolamenti tat-traffiku tieghu huwa kkawza dil-kollizjoni u d-danni fil-vettura tal-konvenut, li ghalihom huwa responsabbli. Dawn l-istess danni setghu kienu ferm akbar pero' bl-intervent divin dan ma garax, stante li mart il-konvenut, li kienet quddiem fuq ix-xellug, mnejn giet id-daqqa, kienet tmien xhur u nofs tqila.

Talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-attur huwa responsabbli ghall-kollizjoni de quo minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, nuqqas ta' attenzjoni fl-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna l-attur li jhallas dawk id-danni li jigu hekk likwidati favur il-konvenut - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali u bl-ispejjes kontra l-attur li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn qal:

1. L-ewwel talba tal-konvenut ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobbilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-attur eccipjent izda gara unikament tort tal-konvenut innifsu.

2. it-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur il-konvenut.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-attur eccipjent m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-konvenut.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-30 ta' Ottubru 1995 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Giovanni Griscti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu kondizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz, u dan bl-assistenza tat-tabib kirurgu Carmel Sciberras;

Rat id-digriet tad-19 ta' Frar 1996 fejn ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala espert tat-traffiku;

Rat ir-relazzjoni mahlufa mill-periti gudizzjarji fit-2 ta' Marzu 1998;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali osserva li l-proceduri odjerni kienu jirrigwardaw incident bejn vettura li kienet qeghda tibdel id-direzzjoni taghha sabiex tidhol f'triq laterali u vettura ohra li kienet qeghda ssuq warajha f'tentattiv ta' sorpass. Hu rritjena li jekk is-sewwieq ta' l-ewwel vettura ikun ha dawk il-prekawzjonijiet kollha qabel ma jbiddel id-

direzzjoni tieghu u s-sewwieq tat-tieni vettura jittenta sorpass fejn jaf li dan hu perikoluz, allura responsabbli dan ta' l-ahhar ghall-incident. Pero' jekk is-sitwazzjoni tkun inversa, allura t-tort ikun ta' dak li kien qed jittenta jbiddel id-direzzjoni tieghu ghal triq laterali. Generalment, kompla l-perit legali, it-tort ikun ta' s-sewwieq ghaliex il-manuvra tieghu hi wahda perikoluza galadarba tmur kontra il-*flow of traffic.*

Il-perit legali sostna dan il-punt legali tieghu permezz ta' riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Brian Taylor nomine vs Stephen Brincat*** li giet deciza mill-Onorablli Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Novembru 1994, fejn dik il-Qorti qalet *"ikun hemm bzonn li driver jaccerta ruhu illi bil-qasma tieghu tat-triq ma jkunx ta' ostakolu lill-traffiku li jkun hemm fl-istess triq fuq* <u>*iz-zewg direzzjonijiet.*</u> *U meta jkun assikura ruhu b'dan id-driver ikun intitolat jaqsam it-triq'.*

Il-perit legali osserva li din l-istess sentenza ghamlet riferenza ghal sentenzi ohra ta' l-Onorabbli Prim'Awla, u cioe' ***Farrugia vs Adams*** tal-15 ta' Frar 1974, ***Galea vs Adams*** tat-2 ta' Frar, 1975, u ***Sammut vs Sciberras*** tad-19 ta' Dicembru 1973. B'dan pero', kompla jispjega l-perit legali, li sentenza ricenti fl-ismijiet ***Dr. Stephen Thake nomine vs Arthur Gerrard*** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru 1996, ma kienitx uriet l-istess insenjament. F'din id-decizjoni taghha, il-Qorti sostniet li l-attur kien messu ssorpassja min-naha ta' gewwa galadarba l-konvenut kien qieghed f'nofs it-triq u xeghel l-*indicator*.

Pero', ighid il-perit legali, il-fatti ta' dan il-kaz mhumiex l-istess u fil-fehma tieghu l-konvenut zgur kien hareg fil-karregjata tan-naha l-ohra tat-triq meta ttenta jissorpassja lill-vettura ta' l-attur u dan ghaliex it-triq ma kienitx wiesgha biex tiehu zewg karrozzi hdejn xulxin. Dan il-fatt certament jimilita kontra l-konvenut, izda jirrizulta fattur aktar importanti li jimmilita kontra l-attur, u cioe' li skond kif xehed l-attur stess, hu ma kienx ra l-vettura tal-konvenut qabel l-incident in kwistjoni. Il-perit legali rritenja li din kienet ammissjoni ta' negligenza da parti ta' l-attur ghaliex il-manuvra tieghu kienet tirrikjedi li qabel xejn hu jhares fil-mera sabiex jassigura ruhu li ma kienx gej traffiku minn warajh. Imbaghad jekk verament hares, xorta kien negligenti ghaliex ma harisx sew.

Wara li kien ha in konsiderazzjoni l-insenjament tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna, kif ukoll il-kawza prossima tal-kollizjoni, il-perit legali ssottometta li kien fil-fatt l-attur responsabbli ghall-incident de quo.

Ghalhekk il-perit legali ghadda sabiex jillikwida d-danni, mhux biss dawk tal-konvenut, izda wkoll dawk ta' l-attur u dan fl-eventwalita' li l-Onorabbli Qorti taghzel li ma taddottax ir-relazzjoni tieghu.

Ghal dak li kien jirrigwarda d-danni li sofra l-attur, il-perit legali irritjena li s-salarju nett tieghu kien ta' sitt elef u hames mitt liri Maltin (Lm6,500), u mehud in konsiderazzjoni il-persentagg ta' hmistax fil-mija dizabilita' skond il-perit mediku, massimu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena u l-fatt li ghandha titnaqqas somma ta' ghoxrin fil-mija (20%) abbazi ta' *lump sum payment,* hu wasal ghal ammont ta' dsatax il-elf erba' mija u tmienja u ghoxrin liri Maltin (Lm19,428). Hu mbaghad osserva li l-ebda provi ma trssqu mill-attur fir-rigward tad-danni subiti mill-vettura tieghu.

Fir-rigward tad-danni subiti mill-konvenut, il-perit legali wasal ghas-somma ta' tmien mija erbgha u hamsin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm854.70) fuq riferenza ghall-ircevuti esebiti mill-istess konvenut.

Ir-Regolament 79 tal-MVR jipprovdi li *"When changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror".*

Dan ir-regolament ghamlet riferenza ghalih din il-Qorti diversament presedjuta fis-sentenza taghha tas-16 ta' Ottubru 1995, fl-ismijiet ***Hugh P. Zammit nomine vs Raymond Debono,*** (sentenza li ghaliha ghamel referenza l-konvenut) fejn l-istess Qorti citat lill-awtur maghruf Gibb mix-xoghol tieghu <u>Trial of Motor Car Accident Cases</u> u cioe', *A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle...making it impossible for the driver of a rear car to avoid collision...The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care..."* (pagna 85) u *"It is not enough to sound the horn or give some other signal; it is also necessary that such*

*warning be given at the proper time and place. The signal should be given so that it will serve its purpose"* (section 101). Saret riferenza wkoll ghal sentenza riportata f'Vol. 37.IV. 868 u ohra deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Kriminali) fl-ismijiet ***Pulizija vs F. Schembri*** fis-26 ta' Gunju 1968, ffejn gie stabbilit li *indicator* huwa evidenza ta' l-intenzjoni tas-sewqan izda dan ma jaghtix id-dritt li jaqsam.

Dan intqal abbazi tar-regola kardinali ta' *lane discipline* hekk imsejha fis-sentenza tal-24 ta' April 1995, fl-ismijiet ***Anthony Busuttil vs Victor Grima,*** (citata mill-konvenut) li tipprojbixxi li sewwieq jikkawza inkonvenjenza jew perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq meta jaqsam minn *lane* ghal iehor. F'dik is-sentenza gie spjegat dan il-principju permezz ta' riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Pulizija vs Nazz. Frendo*** ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Kriminali) fid-29 ta' Settembru 1962. Fl-ewwel sentenza saret riferenza wkoll ghar-regolament 76 tal-Highway Code li jistipola *"Before changing direction, reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror".* Dan ma hu xejn ghajr l-obligazzjoni tas-sewwieq li jzomm *a proper look out* flimkien ma l-indikazzjoni li wiehed ghandu jaghti tal-bidla ta' direzzjoni permezz ta' l-uzu ta' l-*indicator.*

Fil-fatt fl-istess sentenza taghha, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***Pulizija vs J. Busuttil*** moghtija fid-29 ta' Novembru, 1958, specifikament *Is-sinjali li taghti persuna lil driver ma jassolvux lil dan mid-dover tieghu li joqghod attent ghal road users ohra"* u ghas-sentenza fl-ismijiet ***Pulizija vs G. Sapiano*** mill-Qorti ta' l-Appell (Kriminali) (Vol. 29.558) fejn inghad *"Hemm bzonn li s-sinjali jsiru fil-hin u fil-lok opportun biex jistghu jkollhom l-effett taghhom".* U b'hekk il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li *"l-konvenut lanqas kien biss induna bl-attur, ahseb u ara kemm ghamillu sinjal, li dan seta kien f'pozizzjoni li jifhmu".*

Imbaghad, fis-sentenza wkoll citata mill-konvenut fin-nota tieghu fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance Company Limited vs Darren Borg*** moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Gunju, 1999, il-Qorti qalet *"Il-manuvra tieghu li jdur lejn il-lemin kienet intiza li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku u ghalhekk kien jinkombi fuqu massimu ta' attenzjoni u ma jiccaqlaqx qabel ma jkun cert li dan jista'*

*jaghmlu minghajr perikolu ghalih u ghal utenti l-ohra tat-triq".* Dik il-Qorti kompliet tghid li jekk persuna jiddikjara li meta hu fil-fatt hares fil-mera, ma rax il-vettura l-ohra u ftit sekondi wara sehh l-incident, allura dan ifisser li jew ma hares xejn jew ma harisx sewwa. Inoltre, l-fatt li s-sewwieq ikun xeghel l-*indicator,* mhux bizzejjed ghaliex ghalkemm din il-mizura ghandha tittiehed meta sewwieq jigi biex ibiddel id-direzzjoni tieghu, ma jkun jiswa ta' xejn jekk hadd ma jinduna bih. Ghalhekk, kompliet tghid dik il-Qorti, il-Qrati taghna dejjem insistew li s-sewwieq dejjem ghandu wkoll jaccerta ruhu li l-messagg moghti permezz ta' l-*indicator,* wasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq u li dawn fehmu wkoll il-messagg. Dan ghandu jaghmlu billi jhares sew fil-mirja u wara li jevalwa d-distanza tal-vetturi l-ohra, ma jbiddilx id-direzzjoni tieghu jekk il-manuvra tieghu tista' tkun ta' perikolu ghal terzi.

Ghalekk sewwieq li jixtieq ibiddel id-direzzjoni tieghu meta dan qieghed f'triq principali bhal ma hi Mdina Road gewwa Attard, ghandu s-segwenti doveri:

i) li jixhel l- *indicator* sabiex jindika lill-utenti l-ohra tat-triq il-hsieb tieghu li jaqsam il-kurrent tat-traffiku u b'mod li s-sinjal tieghu jinftiehem:
ii) li jnaqqas il-velocita':
iii) li sussegwentement jassikura ruhu fic-cert li m'hemm l-ebda traffiku gej minn wara l-vettura tieghu;
iv) li jaqsam ghall-karreggjata ta' barra u hemm jieqaf kompletament;
v) li hemm jerga' jassikura ruhu li m'hemm l-ebda traffiku gej kemm mid-direzzjoni opposta, kif ukoll minn warajh.

Jista' jghid l-attur li hu kien konformi ma' dawn l-obbligazzjonijiet kollha?

L-attur fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 1996, a fol 65, xehed li hu kien xeghel l-*indicator* madwar sittin (60) metru qabel ma sehh l-incident u kien ilu jsuq fuq il-*lane* ta' barra ghal aktar minn hekk, cioe' mil-liwja. Gorgina Borg fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 1996, a fol 67 xehdet li l-indicator inxteghel madwar ghoxrin (20) metru qabel. Jekk kif sewwa qal il-konvenut fin-nota tieghu, l-*indicator* dam mixghul ghal zmien qasir, allura wiehed jasal biex jifhem fl-ewwel lok li ddikjara l-konvenut fin-

nota tieghu, cioe' li hu l-*indicator* qatt ma seta' jarah. Wiehed jifhem ukoll imbaghad dak li xehed l-istess konvenut in kontro-ezami fis-seduta fuq imsemmija li "*L-indicator ta' l-attur ma rajtux"* u dak li xehdet il-mara tieghu fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 1996, a fol 68 li *"il-jeep tal-attur daret minghajr indikazzjoni lejn il-lemin... Jien certa li ma kienx hemm indicator mixghul".*

L-istess Moira Scicluna in kontro-ezami elaborat fuq dan u ma halliet ebda dubju meta qalet *"Jiena kont fuq il-lemin tal-karrozza ghalhekk stajt nara l-indicator tal-genb u ta' wara meta daret".* Wiehed ma jistax jinsa l-fatt ukoll li Gorgina Borg fis-seduta tad-29 ta' Novembru 1996, a fol 67 xehdet li f'hin minnhom l-attur kien naqqas il-velocita' gibed lejn il-lemin u xeghel l-*indicator*. B'hekk jirrizulta li jekk l-attur xeghel l-indicator, dan xeghelu certament mhux biss gha; zmien qasir, izda anke wara kien lehaq ha d-direzzjoni tieghu. X'utilita' kellu dak l-*indicator* f'dak il-mument meta hu kien diga' wera l-intenzjoni tieghu permezz ta' eghmilu u meta l-incident kien sekonda jew ghall-grazzja tad-dubbju, ftit sekondi boghod? B'hekk wiehed jista' jikkonstata li l-attur naqas mir-responsabbilita' tieghu kif rikjesta kemm mill-Highway Code, kif ukoll minn dawk il-principji dettati mill-prudenza kif zviluppati mill-Qrati taghna, u dan ghaliex l-attur jew qatt ma xeghel l-*indicator* jew xeghlu tard wisq.

Ghal dak li jirrigwarda f'liema parti tat-triq kien qed isuq, l-gharusa ta' l-attur Gorgina Borg fis-seduta tad-29 ta' Novembru 1996, a fol 67 tispjega li l-attur kien qed isuq fin-nofs tal-karreggata qabel ma qabad u kiser fuq il-lemin. Il-mara tal-konvenut fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 1996, a fol 68 tghid li l-attur kien fil-karreggjata ta' gewwa u huma kienu fuq dik ta' barra. Il-konvenut qabel ma martu passiggiera. Dan ghalhekk ma jhalli l-ebda dubbju li l-attur ma kienx fuq il-karreggjata ta' barra u wisq probabbli lanqas qatt ma hareg f'dik il-karreggjata hlief meta lewa ghal fuq il-lemin tieghu sabiex jidhol fit-triq laterali gewwa Attard. Hawn allura l-attur rega' naqas mid-doveri tieghu.

L-attur spjega fis-seduta tal-10 ta' Ottubru, 1996, a fol 65, li hu kien naqqas il-velocita' tieghu minn erbghin kilometru fis-siegha ghal madwar ghaxar kilometri fis-siegha u dan ghaliex hu ried jaghmel *sharp turning* ghal-lemin, cioe' ried idur *90 degrees* . Il-Qorti fl-ewwel lok hawn

tosserva li mehud in konsiderazzjoni ta' dak li gara ma' l-impatt tal-vetturi, specjalment li dik ta' l-attur inqelbet, l-attur certament ma setax kien qed isuq bil-velocita mistqarra. Imbaghad jinghad li jekk hu ried ibiddel id-direzzjoni tieghu, kien skond ir-Regolament 76 tal-Highway Code l-attur kien obbligat li jnaqqas il-velocita'. Jigi rilevat li fi triq daqstant traffikuza fejn hu ried jaqsam il-karreggjata tad-direzzjoni opposta, l-attur kellu l-obbligu li jieqaf kompletament u jesplora t-triq qabel ma jidhol fit-triq laterali.

L-attur stqarr fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru , 1996, a fol 65, li *" Il-karrozza tal-konvenut ma rajtiex u lanqas x'hin gejt biex indur".* Gorgina Borg li kienet riekba mieghu, fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 1996, l-istess tghid u wkoll li l-attur f'hin minnhom naqqas il-velocita', gibed lejn il-lemin u xeghel l-*indicator*. Dan jerga' jindika kjarament li l-attur ma waqafx. Ghalhekk hi konvincenti wkoll ix-xiehda ta' mart il-konvenut fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 1996, a fol 68 meta din tghid *"Il-jeep qabel ma daret lejn il-lemin qisha swervjat biex iddur lejn il-lemin".*

Il-konvenut xehed fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 1996, a fol 65 li hu kien ilu wara l-attur ghal dawk l-ahhar mitejn (200) metru, kwazi jmiss mieghu izda b'mod imtarrag. Il-mara tieghu fis-seduta tad-29 ta' Novembru 1996, a fol 68 tixhed l-istess b'eccezzjoni tat-tul li kien ta' mitt (100) metru. Dan filwaqt li hu kien fil-karreggjata ta' barra u l-vettura ta' l-attur kienet qieghda f'dik ta' gewwa. Inoltre, in kontro-ezami l-konvenut fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 1996, a fol 66 ighid li hu lemah il-vettura ta' l-attur ferm qabel, u cioe' minn fejn wiehed jaqbad it-triq li taghti ghal Zebbug. B'hekk l-attur kellu certament bizzejjed zmien sabiex jinduna bil-vettura tal-konvenut, jinghad li dan kienet fejn kienet.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni peritali u argumenti migjuba minnu fir-rigward tar-responsabbilitajiet ta' l-attur. Mill-provi jirrizulta li dan naqas minn kull responsabbilita' dettata mill-principju tal-prudenza li ghandu jzomm f'mohhu kull sewwieq u li fuqu elaboraw u tant insistew il-Qrati taghna. L-agir tieghu kien wiehed perikoluz mhux biss ghalih innifsu u ghall-passiggiera riekba mieghu, izda wkoll kif irrizulta sussegwentement, ghal utenti ohra ta' dik it-triq. Ghalhekk issa jmiss li wiehed jevalwa l-provi fid-dawl ta' l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur dwar in-nuqqasijiet tal-konvenut.

Il-konvenut fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 1996 a fol 66, spjega li l-hsarat fil-vettura tieghu kienu jestendu min-nofs tal-vettura tieghu sar-rota tax-xellug. Dan hu evidenti mir-ritratti li esebixxa a fol 49. Inoltre' x-xiehda tal-konvenut tal-10 ta' Ottubru 1996, a fol 66, dan itenn li *"Il-vetturi missu minn front left tieghi u front right corner tal-attur".* Il-mara tieghu spjegat fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 1996, a fol 68 li *"Il-hsara grat fuq in-naha tal-passiggier (in-naha tieghi) bejn ir-rota u l-bieba"* Ghalhekk jirrizulta li l-attur dar ghal fuq il-vettura tal-konvenut, b'mod li hu qabadha fil-genb taghha din ta' l-ahhar. Kif allura qed jipprova jiskolpa ruhu mir-responsabbilita' ta' l-incident meta dan il-fattur jindika li jekk tassew hares fil-mirja, l-attur kien jinnota l-vettura tal-konvenut miexja prattikament genb ma genb mieghu izda aktar lura.

L-attur fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 1996, a fol 65 allega li l-incident sehh fil-liwja u fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu spjega wkoll li l-konvenut kien qed jittenta jissorpassa l-vettura tieghu fil-hin ta' l-incident.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel punt, kif hu anke evidenti mir-ritratti li ha missier l-attur stess u li gew ipprezentati mill-attur, dan mhux preciz u t-triq hija pjuttost dritta u l-liwja qeghda aktar 'l fuq mit-triq laterali li fiha xtaq jidhol l-attur. Ghalhekk aktar hu konvincenti l-konvenut meta fl-istess seduta dan ighid a fol 66 *"l-incident ma garax fil-bend safejn niftakar"* .

Imbaghad fir-rigward tat-tieni punt, cioe' l-allegat sorpass ittentat mill-konvenut, l-ewwelnett ghandha tigi ccarata l-kwistjoni ta' *brake marks/skid marks.* Dan gie kkorraborat mill-passiggiera mara tieghu fis-seduta tad-29 ta' Novembru 1996, a fol 68. Issa l-konvenut qed isostni li dak li jidher fl-iskizz huma *skid marks* izda hu difficli wara riferenza wkoll ghar-ritratti migbuda li wiehed jikkoncepixxi tali marki meta dwan huma ndikati b'linja dritta fuq it-triq. *Skid marks* huma iktar irregolari minn *brake marks,* cioe' ma jimxux f'linja dritta assoluta (pjuttost jimxu lateralment) u din hi l-karattaristika principali li generalment tiddistingwihom minn xulxin. Fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 1996, a fol 65, il-konvenut spjega li *"f'daqqa wahda gibed lejn ix-xellug u mbaghad lejn il-lemin".* B'hekk dan tefghu fuq in-naha l-ohra tat-triq. Pero' huma

x'inhuma dawn it-tipi ta' marki, ma hemmx dubbju li dawn jibdew fil-karreggjata opposta ta' fejn kien qed isuq il-konvenut.

Fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 1996, a fol 66 il-konvenut in kontro-ezami ddikjara li *"Qabel l-impatt ma qsamtx lejn in-naha l-ohra tat-triq".* Fil-fatt il-mara tieghu li kienet riekba mieghu, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 1996, a fol 68 tghid li huma kienu qed isuqu fil-karreggjata ta' barra. Ziedet li l-konvenut zgur li ma kienx qed jittenta jissorpassa lill-attur. Ghalhekk din hi konkluzjoni gratwita ta' l-attur li jekk ma kienx ra l-vettura tal-konvenut, wisq aktar ma jistax jixhed fuq x'kien qed jaghmel il-konvenut fil-hin tal-incident! Il-fatt li l-*brake marks* jew kif isejhilhom il-konvenut lis-*skid marks,* fl-iskizz jibdew 'l barra mill-*white line,* ma jwassalx ghal dik il-konkluzjoni anqas. Semmai huma indikazzjoni ta' tentattiv da parti tal-konvenut biex jevita l-habta meta sab lill-attur idur f'salt lejn il-lemin.

L-attur jallega fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 1996, a fol. 65, li t-triq min-naha ta' gewwa kienet imharbta izda ma gab l-ebda prova dwar dan. L-iskizz ma juri xejn u lanqas ir-ritratti li ha missier l-attur stess l-ghada ta' l-incident. Inoltre l-post fejn gara l-incident jiehu zewg karreggjati.

L-attur spjega fl-istess seduta l- d-daqqa hadha fuq ir-rota ta' quddiem. Jekk dan kien il-kaz, kif jista' wiehed jispjega t-ticrita bejn il-mudguard u l-bieba tal-vettura tal-konvenut u dak li qal il-konvenut, cioe' illi l-bumper tal-vettura ta' l-attur qabdet ix-xewka (a fol. 66)?

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-incident gara unikament tort ta' l-attur li ghandu jwiegeb ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-konvenut.

Id-danni rizultanti mill-ircevuti esebiti mill-konvenut (Dok. LD1 sa LD4 a fol. 55 sa38) jammontaw ghal Lm512.75 (mhux Lm854.70 kif indika l-perit). U ghalhekk meta l-konvenut esebixxa dawk l-ircevuti stqarr li kien jonqsu jesebixxi zewg ircevuti ohra, dan baqa' m'ghamlux.

Ghal dawn il-mottivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici wkoll l-eccezzjonijiet tieghu fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ghat-talbiet rikonvenzjonali tieghu, u

(1) tiddikjara li l-attur huwa responsabbli ghall-kollizjoni de quo minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' attenzjoni fl-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut fl-ammont ta' Lm512.75, u
(3) tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut din is-somma hekk likwidata ta' Lm512.75 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**